MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 174/2011

**Said International Limited**

**vs**

**Maltapost plc**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-22 ta’ Frar 2011 li jghid hekk:

Illi in segwitu ghall-approvazzjoni mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tal-applikazzjoni ta' Malta sabiex tissieheb fiz-zona tal-ewro fl-10 ta' Lulju 2007, il-Ministru ghall-Kompetitivita u Komunikazzjoni bis-sahha tas-setghat lilu moghtija bl-Att dwar is-Servizzi Postali, ordna permezz ta' Avviz Nru 1000 tas-16 ta' Novembru 2007 (Dok "A") li gie ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern numru 18150, li minhabba l-process ghal bidla fl-ewro, bolli ta' pustagg bid-

denominazzjoni "Lm" mahruga mill-1 ta' Jannar 1998 u wara ma kinux ser jibqghu jiswew izjed bhala hlas bil-quddiem ta' pustagg mill-1 ta' Frar 2008 u wara;

Illi l-istess Avviz pprovda rimedju ghal persuni li kellhom fil-pussess taghhom bolli invalidati b'effett tal-istess Avviz billi stipula illi dawn ikunu jistghu "f'kull zmien mill-1 ta' Frar 2008 sal-31 ta' Marzu 2008, [jikkunsinnawhom] lill-Maltapost plc, li ghandha tibdilhomlha ma' bolli ohra validi tal-istess valur", liema Avviz ma giex rez applikabbli biss ghall-bolli li kienu stampati jew mibjughin bil-kundizzjoni li jkunu uzati ghal fini ta' filatelija, proprju ghaliex ma kienx hemm il-htiega ghal tali invalidita fir-rigward taghhom;

Illi fil-perjodu stipulat bl-Avviz imsemmi, u precizament fit-28 ta' Marzu 2008, is-socjeta attrici ssottomettiet applikazzjoni taht ir-regoli indikati fl-istess Avviz, fuq formola pprovduta mis-socjeta intimata intitolata "Requisition for Exchange of Postage Stamps", permezz ta' liem applikazzjoni s-socjeta esponenti talbet ghal bdil ta' numru ta' bolol ta' valur differenti, il-valur ta' liem kien jammonta ghal tletin elf mitejn u dsatax-il ewro u dsatax-il centezmu (€30,219.19) (gja Lm12,973.10) (Dok "B");

Illi fuq l-istess formola hekk provduta mis-socjeta intimata, kien hemm indikat l-indirizz tal-istess socjeta intimata bl-aggunta tal-kliem "Stamp Exchange Board" li jidher li huwa bord privat internament kostitwit mis-socjeta esponenti ghall-fini tal-ipprocessar tal-applikazzjonijiet;

Illi wara l-applikazzjoni, is-socjeta intimata talbet prova tal-akkwist tal-bolli mertu tal-applikazzjoni li eventwalment permezz ta' ittra datata 1 ta' Dicembru 2009 gew mghoddija lill-istess socjeta intimata (Dok "C");

Illi minkejja li s-socjeta esponenti ssottomettiet l-applikazzjoni taghha fiz-zmien, pprezentat id-dokumentazzjoni necessarja rigwardanti l-akkwist tal-bolli, is-socjeta intimata naqset illi tipprocessa l-applikazzjoni u tbiddel dawn il-bolli ma' bolli ohra f'denominazzjoni tal-ewro tal-istess valur, skond kif kienet obbligata li taghmel fit-termini tal-Avviz fuq imsemmi;

Illi s-socjeta intimata giet imqieghda f'mora permezz ta' interpellazzjoni ufficjali li saret permezz ta' ittra ufficjali datata 7 ta' Dicembru 2009 (Dok "D");

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant is-socjeta esponenti titlob bir-rispett lii din l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa kwalsiasi dikjarazzjoni meqjusa opportuna:-

(i) Tiddikjara li s-socjeta intimata naqset li tonora l-obbligi taghha skond l- Avviz Nru 1000 tas-16 ta' Novembru 2007;

(ii) Tikkundanna lis-socjeta intimata tbiddel il-bolli msemmija fl-applikazzjoni li saret mis-socjeta esponenti fit-28 ta' Marzu 2008 ma' bolli ohra validi, ossia f'denominazzjoni tal-ewro, tal-valur komplessiv ta' tletin elf mitejn u dsatax-il ewro u dsatax-il centezmu (€30,219.19) jew ta' somma ohra verjuri li tigi stabbilita waqt l-andament tal-kawza;

jew

(iii) alternattivament tikkundanna lis-socjeta intimata tbiddel l-istess bolli msemmija fl-applikazzjoni taghha billi ssarrafhom fi flus u konsegwentement tikkundannaha thallas lis-socjeta esponenti l-ammont ta' tletin elf mitejn u dsatax-il ewro u dsatax-il centezmu (€30,219.19), jew ta' somma ohra verjuri li tigi stabbilita waqt l-andament tal-kawza, rapprezentanti l-valur tal-bolli denominati f'liri Maltin;

(iv) Sussidjarjament u f'kaz li ma jintlaqghux it-talbiet fil-paragrafi precedenti, tipprefiggi zmien qasir u perentorju f'liem is-socjeta intimata ghandha tezegwixxi l-obbligazzjoni taghha billi tbiddel il-bolli msemmija fl-applikazzjoni li saret mis-socjeta esponenti fit-28 ta' Marzu 2008 ma' bolli ohra validi, ossia f'denominazzjoni tal-ewro, tal-valur komplessiv ta' tletin elf mitejn u dsatax-il ewro u dsatax-il centezmu (€30,219.19) fit-termini tal-Avviz fuq imsemmi.

Bl-ispejjez, inkluz bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Marzu 2008, kontra s-socjeta intimata li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat li r-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1) Illi it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fi dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2) Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit mhux minnu li s-socjeta esponenti naqset li tonora l-obbligi taghha skond l-Avviz numru 1000 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Novembru 2007;

3) Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, is-socjeta rikorrenti ghandha tipprova li l-bolli li huma elenkati fid-dokument imsemmi Dok. "B" li qieghed anness mar-rikors guramentat promotur tal-kawza odjerna ma kienux gew stampati u sussegwentement mibjugha specifikatament biex jkunu uzati biss ghal finijiet ta' filatelija u li ghalhekk l-istess socjeta rikorrenti hija ntitolata biex tbiddel dawn il-bolli ma' bolli ohra validi (cioe li huma denominati f'euro) u li huma tal-istess valur a tenur tal-Avviz numru 1000 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Novembru 2007;

4) Illi f'kawlunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, skond ma jirrizulta mill-annessa kopja ta' ittra datata t-28 ta' Mejju 2010 mahruga minn Joseph M Camilleri (ex-Chairman tal-Stamp Exchange Board) (Dok. "MP1" - anness) is-socjeta esponenti kienet u ghadha disposta sabiex tbiddel ma' bolli ohra validi ta' valur ekwivalenti f'euro kwalunkwe bolli minn dawk elenkati fuq id-dokument imsemmi Dok. "B" li qieghed anness mar-rikors guramentat promotur tal-kawza odjerna, izda dana biss f'kaz li s-socjeta rikorrenti ggib il-prova li tali bolli ma gewx stampati u sussegwentement mibjugha specifikatament biex jkunu uzati biss ghal fini ta' filatelija u f'dan is-sens s-socjeta esponenti tirriafferma dak ddikjarat fl-anness Dok. "MP1", cioe li hija kienet u li ghadha disposta sabiex tbiddel ma' bolli ohra validi ta' valur ekwivalenti f'euro bolli denominati f'liri Maltin fil-valur totali ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin u sitta u sebghin centezmi (Lm425.76), ghalliema valur kienet giet prezentata prova li tali bolli ma gewx stampati u sussegwentement mibjugha specifikatament biex jkunu uzati biss ghal fini ta' filatelija;

5) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, anke fl-aghar ezitu, it-tielet talba tas-socjeta attrici ma ghandhiex tigi milquha u s-socjeta esponenti m'ghandhiex tigi kkundannata sabiex thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma hemm imsemmija kemm peress illi l-Avviz numru 1000 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Novembru 2007 jippermetti biss illi, jekk jikkonkorru r-rekwiziti hemm imsemmija, bolli denominati f'liri Maltin jigu mibduia ma' bolli ohra validi (cioe li huma denominati f'euro) u li huma tal-istess valur u l-imsemmi Avviz ma jippermettix it-tibdil ta' bolli skaduti ma' flus kontanti u anke peress illi s-somma rnitluba ma hijiex l-ekwivalenti f'euro tal-valur komplessiv f'liri Maltin tal-bolli elenkati fid-dokument imsemmi Dok. "B" li qieghed anness mar-rikors guramentat promotur tal-kawza odjerna;

6) Illi f'kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, is-socjeta esponenti m'ghandhiex tissoporti l-ispejjez tal-kawza odjerna peress illi ghalkemm debitament rnitluba permezz ta' diversi ittri fosthom dawk tal-5 ta' Gunju 2009 u tad-19 ta' Awwissu 2009 (Dokti "MP2" u "MP3" rispettivament annessi) bl-eccezzjoni ta' dawk gja imsemmija fl-anness Dok. "MP 1" (li s-socjeta esponenti offriet kemm-il darba biex tbiddel) is-socjeta rikorrenti baqghet ma tat l-ebda dokument lis-socjeta esponenti li jikkonferma li l-bolli li huma elenkati fid-dokument imsemmi Dok. "B" li qieghed anness mar-rikors guramentat promotur tal-kawza odjerna ma kienux gew stampati u sussegwentement mibjugha mis-socjeta esponenti specifikatament biex jkunu uzati biss ghal fini ta' filatelija;

7) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat l-atti u noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Sacha Said, Direttur tas-socjetarikorrenti, xehdet li l-kumpanija ilha fin-negozju tal-bolli ghal snin. Hi tixtri bolli mill-Maltapost, minn stamp dealers barranin u anke minn persuni individwali. Meta Malta dahlet fl-ewro, permezz ta' Avviz Nru. 1000 tas-16 ta' Novembru 2007 (Dok. A), harget skema ta' bdil ta' bolli, billi bolli ta' pustagg bid-denominazzjoni Lm mahruga mill-1 ta' Jannar 1998 u wara, ma kienux ser jibqghu jiswew izjed bhala hlas bil-quddiem ta' pustagg mill-1 ta' Frar 2008. Is-socjeta rikorrenti kellha bolli li jintuzaw ghal pustagg u ohrajn li ma jintuzawx, u ddecidiet li tibdel il-bolli bid-denominiazzjoni Lm li kienu ghadhom qeghdin jintuzaw fis-suq ghall-pustagg ghal dawk b'denominazzjoni tal-ewro. Fit-28 ta' Marzu 2008 is-socjeta rikorrenti ssottomettiet applikazzjoni (Requisition for Exchange of Postage Stamps) Dok. B a fol. 6. Il-kondizzjonijiet jinsabu fid-Dok. RS1 a fol. 26) skont l-avviz imsemmi u talbet il-bdil ta' numru ta' bolol ta' valur differenti fl-ammont ta' €30,219.19. Is-socjeta rikorrenti kienet akkwistat dawn il-bolli mill-Maltapost u minghand George Roll fil-Germanija. Kien inhatar Bord biex jipprocessa dawn l-applikazzjonijiet izda l-applikazzjoni taghhom baqghet pendenti u la giet accettata u lanqas rigettata. Fis-17 ta' Marzu 2010 flimkien ma huh Remy Said iltaqghu mac-Chairman tal-Bord u c-CEO tal-Maltapost f'tentativ li jsolvu s-sitwazzjoni izda dan ma sehhx. Ghalhekk ipprezentaw ittra ufficjali (Dok. D a fol. 8) izda xorta l-intimati ma hadux posizzjoni u ghalhekk ma kellhomx ghazla ohra hlief li jipprocedu b'dina l-kawza. Illi l-bolli li talbu li jibdlu huma kollha regolari u akkwistati ghal ebda skop iehor hlief ghal uzu ta' pustagg normali. Meta akkwistaw dawn il-bolli ma kien

hemm ebda restrizzjoni jew limitazzjoni dwar l-uzu taghhom u gew akkwistati ghal l-iskop ta' prepaid service.

Remy Said ikkonferma dak li qal huh. Ighid li l-bolli li riedu jibdlu kienu denominazzjoni Lm, xtrawhom ghal skop ta' uzu prepaid service cioe ghal postagg normali. L-ahhar kondizzjoni fl-Avviz 1000 kienet li "Exchange of stamps does not apply in respect of stamps printed or sold to the condition that they will be used only for purposes of philately". Dawn il-bolli ma kienux inxtraw ghal skop ta' filatelija. Philatelic item huwa oggett li mhux uzat ghal pustagg izda ghal skop ta' kollezzjoni. Il-bolli li kellhom huma ma kellhom ebda timbru fuqhom, bhal ma jkollhom il-first day covers, u kienu in mint condition. Hu ezebixxa d-dokument RS2 a fol. 27 li hija sheet ta' bolli tal-51c li jintuzaw ghal pustagg (ara dok. RS3 u RS4 a fol. 29-30). Ezebixxa ukoll envelopes ohra b'bolli differenti li ntuzaw (ara Dok. RS5 u RS6 a fol. 31 u 32). Mill-Lm12,973.10 li riedu jibdlu l-intimati accettaw li jibdlu biss Lm425.76 minghajr ma tawh ir-raguni ghaliex u ghal liema bolli, ghalkemm minn kalkolu li ghamlu jidher li huma ma riedux isarrfu dawk il-bolli tal- 51cents Maltin. Ir-raguni ghaliex huma kienu jixtru f’dik il-kwantita kienet billi fin-negozju taghhom juzaw il-bolli frekwentement. Meta xtraw dawk il-bolli ma kien hemm ebda kondizzjoni u kienu pjuttost recenti. Ipprezenta id-dokument RS7 a fol. 33 fejn hemm bolli li nxtraw ghal skop filateliku. Il-bolli huma kienu jixtruhom mill-Maltapost u minn diversi suppliers fl-Ewropa, Ma kien ikun hemm ebda kondizzjoni meta jixtruhom. Huma jixtru u jbieghu bolol ghal filatelija u dawn generalment ikunu settijiet kompluti.

Fuq kontroezami wiegeb li l-fatturi ipprezentati a fol. 115 et seq. fihom id-dati ta' meta nxtraw il-bolli. Ighid li d-dokumenti minn 116 il-quddiem inhargu minn Georg Roll u thallsu. Hemm ukoll fattura a fol. 171 li hija differenti minn dawk u hija ghal bolli tal- 51c. Dawn l-invoices kollha mhallsin.

Dr. Anthony Abela Medici xehed li dwar il-bolli tal-51c (ara fol. 27), dawn mhumiex uzati u jistghu jintuzaw ghal pustagg. Kien hemm cut off date ghal uzu ta' dawk il-bolli. Bolla mhux uzata ikollha il-face value taghha. Bolla uzata m'ghandiex value jew jonqos il-valur taghha skont ic-cirkostanzi.

Joseph Buttigieg, proprjetarju ta' hanut tal-bolli f'Tas Sliema, xehed Ii meta Malta qalbet ghal ewro huwa kien applika biex jibdel il-bolli. Hu kellu denominazzjonijiet variji minn 2c sa Lm2. Damu xi sentejn biex bidluhomlu. Kellu mat-Lm8,000, parti mixtrija mill-Maltapost u parti minn barra. L-intimati kienu anke hadulu l-bolli biex jittestjawhom biex jaraw jekk humiex genwini. Dawk li kien jixtri minn barra kien juzahom ghall-pustagg. Hu kien tahom l-ircevuta ta' George Roll minghand minn kien xtrahom minn barra. Meta tixtri bolli mill-Maltapost dawn dejjem ikunu bolli godda fjamanti u tista' tuzahom ghall-posta u ghall-filatelija. Lilu l-Maltapost kienu naqqsulu 35% mill-face value probabilment ghax kienu jafu li jiehodhom bl-irhis minn barra u ghax ma riedx jidhol il-Qorti. L-intimati tawh bolli bl-ewro minflok dawk Ii kellu. Meta huwa kien xtara dawk il-bolli ma kien hemm ebda kundizzjoni fuqhom.

Quddiem dina l-Qorti diversament presjeduta (Agius vs Maltapost plc Rikors1127/2011) ix-xhud kien qal li ghal l-ewwel ma riedux jibdlulu l-bolli billi kienu qalulu Ii kien xtrahom ghal skopijiet ta' filatelija. Hu kien jixtri minghand Curtin minn barra bl-irhis u jbieghhom Malta. Kien jixtri minghand Roll ukoll. Wara li nqalghet il-kwistjoni tal-bdil tal-bolol ma baqghax bil-licenzja Ii jbiegh il-bolli.

John Curtin xehed Ii ilu fis-stamp business for the past 40 years. He had two types of trading. He advertised for the sale of stamps for postage use for all strong currencies. He supplies stamps to people who produce mail lists in those currencies. He handles mailings for his own personal use. He buys stamps from surplus stock from dealers all over the world. The large number of stamps in issue in this case were bought from Mr. Roll who operates in Germany. Some of the stamps that he bought from Mr. Roll have been used for postage purposes, example, sending out catalogues and price lists of stamps. He used these stamps for mailing out of Malta. He used to mail catalogues and price lists but he no longer does so. Maltapost did not want to exchange his stamps because they said that they were bought for philatelic purposes.

Joseph Camilleri xehed li huwa kien ic-Chairman tas-Stamp Exchange Board li kellu l-funzjoni Ii jilqa' l-applikazzjonijiet fit-2008 biex il-bolli tal-munita Maltija jigu mibdula ghall-bolli bil-ewro. Kellhom hafna applikazzjonijiet li qasmuhom f'zewg kategoriji, dawk b'ammont zghar u dawk b'ammonti akbar. Tal-ewwel eventwalment bidluhom, l-ohrajn rawhom bid-dettal, jekk kienx hemm xi haga rnhux normali fihom u talbuhom evidenza ta' kif il-bolli gew

f'idejhom. F'dan il-kaz kienu ircevew applikazzjoni minghand ir-rikorrenti. Il-kwistjoni li nqalghet kienet dwar il-bolli tal-51c u xi haga zghira fuq bolli ohrajn. Huma talbuhom evidenza dwar kif xtraw il-bolli. Is-socjeta rikorrenti tathom invoices minghand George Roll li huwa filatelista u mhux supplier ta' bolli ta' pustagg. Barra minn hekk fl-invoices li tawhom ma kienx hemm referenza ghall-bolli tal-51c. Huma ma setghux jibdlu il-bolli tal-51 cents billi ma kellhom ebda evidenza dwar il-provenjenza taghhom. George Roll ma kienx awtorizzat jbiegh bolli ghal skop ta' pustagg. L-uniku supplier ghal bolli ta' Malta kienu huma. Roll kien agent tal-printing firm Germaniza tal-Bundes u kellhom arrangement mieghu li jaghtuh bolli tal-filatelija u l-bolli ghall-pustagg huma esklussivament tal-Maltapost. Il-Maltapost kienet tuza din id-ditta biex taghmel il-bolli taghha u hi kienet l-unika authorized body li tista' tbiegh il-bolli tal-pustagg ta' Malta. Il-fatt li s-socjeta rikorrenti xtrat il-bolli minghand Roll hu indikativ li huma xtrawhom ghal skopijiet ta' filatelija u rnhux ghal skop ta' pustagg. Inoltre l-bolli nxtraw very much below face value.

In kontroezami wiegeb li ma hemmx restrizzjonijiet fuq ix-xiri ta' bolli u sta ghal persuna jekk juzahiex biex jimpusta jew biex jikkollezzjona. Huma kellhom ftehim ma' Roll li l-bolli li jbieghu kienu ghal filatelija biss u huma biss setghu ibieghu bolli ghal pustagg u jekk Roll ibiegh lil agenti irid jaghti commission lil Maltapost. Ma jidhirlux li Roll tahom rendikont li kien biegh 2310 sheets bolli tal-51 cents. Ma hemm ebda ligi li tghid li bolli tal-Maltapost ma jistghux jinxtraw minn barra. Dak iz-zmien kellhom business arrangement ma Roll li kien jipprintja l-bolli taghhom. Il-bolla tal-51 cents kienu jintuzaw ghal certu weight u ma kellhomx xi valur ghall kollezzjonijiet. Kienu bolli normali.

Carmen Xerri Lautier, li tahdem bhala administrator fil-legal office tal-Maltapost, ezibit diversi items li hija xtrat online minghand is-socjeta rikorrenti. (ara dokti a fol. 188 sa 203). Dawn jikkonsistu f'bolli jew imwahhlin jew first day covers. Ma staqsithomx jekk kellhomx ghal bejgh bolli ghal pustagg.

Joseph Gafa', Chief Executive Officer mal-Maltapost, xehed li l-iskop tal-Avviz 1000 kien biex jinbidlu dawk il-bolli biss li qeghdin ghall-uzu tal-pustagg u mhux tal-filatelija. Fuq bolli ghal filatelija jithallas il-VAT. Is-servizz tal-pustagg tista tixtrih minn Malta biss. Il-bolli ta' Malta ighoddu biss ghall-pustagg gewwa Malta. Biex tixtri servizz ta' pustagg dan jinxtara biss minn Malta jew mill-Maltapost jew mill-agenti licenzjati taghha. Huma jipprovdu servizz

separat ghall-filatelisti u hemm il-VAT fuqu. Dawn jistghu jkunu lokali u anke internazzjonali. Dawn jistghu jinkludu anke bolol norma li u bolol partikolari. Fil-kaz ta' Said huma kienu lesti li jibdluhom dawk li huma xtraw minghand Maltapost imma mhux dawk li xtraw minn barra ghax huma ma jbieghux lil agenti barranin bolli ghal pustagg imma ghal filatelija. Dan ma johrogx mill-ligi imma mill-kuntratti li ghandhom mal-agenti barra fejn il-bolli li jibieghu barra ghal filatelija ma jistghux jinbieghu ghall-pustagg. Hu pprezenta l-agreement li kellhom ma' Georg Roll (Dok. JG2 a fol. 231). Fejn jissemma' postage stamps and philatelic products dawn ifissru postage with relation to philatelic products. Huma kienu jaghtuh il-bolli lil Roll at a commission imma ma setghax ibiegh il-bolli tal-pustagg hawn Malta. Meta Said ipprezentaw l-invoice minghand Georg Roll, deher li dawn gew mill-bejgh ghall-skop filateliku. Meta spicca Roll minn maghhom hu ghadda ghand Said il-bolli billi pacew. Said kien xtrahom at a discount u beda ibieghom hawn Malta below face value. Roll mhux suppost biegh lilhom imma jista jkun li Said qallu li riedhom ghal skop filateliku imma xorta Roll ma messux bieghhom. Il-valur tal-bolla ghal filatelija huwa anqas minn dik tal-pustagg ghax mhux qed jintalab tas-servizz u hemm il-commisson. Jekk dawk il-bolli jintuzaw ghal pustagg huma jigu li qed jitilfu. Ghalhekk dahlet il-provision tal-legal notice. Huma talbu ricevuta li l-bolli inxtraw minghandhom ghax min tahom l-invoice kien agent filateliku u sinjal li ma xtrawhomx ghal pustagg. Ghal zmien twil Said kienu agenti tal-Maltapost sal-2003.

In kontroezami wiegeb li meta wiehed jixtri il-bolli, Maltapost ma taghmilx restrizzjonijiet jew kondizzjonijiet hlief jekk wiehed ikun irid jixtri l-ordni kollha tal-bolli. Dan johrog mill-att dwar is-servizzi postali. Ighid li ma jaqbilx li jekk tixtri bolla ghal pustagg imbaghad tista tuzaha ghal filatelija ghax trid thallas il-VAT.

**Kontestazzjoni**

Is-socjeta rikorrenti qed titlob li s-socjeta intimata tbiddel il-bolli msemmija fl-applikazzjoni li ghamlet fit-28 tat Marzu 2008 ma' bolli ohra validi f'denominazzjoni tal-ewro tal-valur komplessiv ta' €30,219.19 jew alternattivament tikkundanna lis-socjeta biex ssarrafhom fi flus fl-ammont ta' €30,219.19.

Is-socjeta konvenuta laqghet billi wiegbet :

Illi s-socjeta intimata onorat l-obbligi taghha skond l-Avviz numru 1000 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 tat Novembru 2007;

Illi s-socjeta rikorrenti ghandha tipprova li l-bolli ma kienux gew stampati u sussegwentement mibjugha specifikatament biex jkunu uzati biss ghal finijiet ta’ filatelija;

Is-socjeta intimata kienet u ghadha disposta sabiex tbiddel biss dawk il-bolli fl-ammont ta' Lm425.76 dwar liema s-socjeta rikorrenti kienet prezentat prova li tali bolli ma gewx stampati u sussegwentement mibjugha specifikatament biex jkunu uzati biss ghal fini ta’ filatelija;

Illi l-imsemmi Avviz ma jippermettix it-tibdil ta’ bolli skaduti ma' flus kontanti u anke peress illi s-somma mitluba ma hijiex l-ekwivalenti f'euro fil-valur komplessiv f'liri Maltin tal-bolli imsemmija;

Illi f'kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, is-socjeta esponenti m'ghandhiex tissaporti l-ispejjez tal-kawza odjerna peress illi s-socjeta rikorrenti baqghet ma tat l-ebda dokument lis-socjeta intimata li jikkonferma li l-bolli gew stampati u sussegwentement mibjugha mis-socjeta intimata specifikatament biex jkunu uzati biss ghal fini ta' filatelija;

**Fatti**

Fil-Gazzetta tal-Gvern kien gie ppubblikat avviz Ii b'ordni tal-Ministru ghall-Kompetittivita u Komunikazzjonijiet, skond l-artikolu 36(2) tal-Kap. 254 Ii:

> postage stamps issued from 1 st January 1998 onwards shall no longer be valid for prepayment of postage as from 1 st February 2008. Any postal article stamped with postage stamps so invalidated shall be deemed not duly stamped for the purpose of the Postal Services Act.
>
> Provided that any person having in his possession any postage stamps hereby invalidated, may from I« February 2008 to 31st March 2008 surrender the same to Maltapost pic who shall exchange them for other valid postage stamps on an equal value.
>
> This notice does not apply in respect of stamps printed or sold subject to the condition that they will be used only for purposes of philately. (Dok. A fo1. 5).

Is-socjeta rikorrenti kienet applikat mas-socjeta intimata biex tibdel kwantita ta' bolli permezz taapplikazzjoni Dok. B a fol. 6 tal-process.

Illi permezz ta' ittra datata 28 ta' Mejju 2010 Joseph M. Camilleri bhala Chariman tal-Stamp Exchange Board kien infurma lis-socjeta rikorrenti li:

> Documentary evidence that these stamps were purchased from MaltaPost was submitted only in relation to Lm425.76 worth of stamps. Consequently we are therefore in a position to exchange Lm425.76 worth of stamps into the denominations as shown on the attached list.

Illi s-socjeta intimata irrifjutat li tibdel il-bolli l-ohra billi sostniet li s-socjeta rikorrenti ma ppruvatx li kienet xtrat dawk il-bolli minghand il-Maltapost ghas-servizz ta' pustagg. Hi ssostni li s-socjeta' rikorrenti xtrat il-bolli ghal skop ta' filatelija minn barra ghalhekk ma setghux jinbdlu.

**Il-ligi**

Illi skont l-artikolu 36(2) tal-Kap. 254 (Att dwar is-Servizz Postali):

> The Minister may, after consultation with the postal operators concerned, by notice published in the Gazette, direct that any postage stamps, in use at the time of such notice, shall be no longer valid for prepayment of postage, and from and after any day stated in such notice, any postal article stamped with postage stamps so invalidated, shall be deemed to be not duly stamped for the purposes of this Act and of any directives or regulations made thereunder:
>
> Provided that any person, having in his possession any postage stamps invalidated by the Minister as aforesaid, may at any time within two months after the day stated in the said notice, surrender the same to a postal operator, who shall exchange them for other valid postage stamps of an equal value.

Illi din il-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn bolli li jinxtraw ghal uzu ta' pustagg u bolli li jintuzaw ghal skop ta' filatelija. Din id-distinzjoni issir pero fl-Avviz 1000 tas-16 ta'

Novembru 2007 fejn ighid li 'This notice does not apply in respect of stamps printed or sold subject to the condition that they will be used only for purposes of philately'.

Illi f'dina l-kawza s-socjeta rikorrenti mhijiex qed issostni li l-Ministru ma setghax jaghmel dika l-ordni avvolja l-ligi ma kinitx tiddistingwi bejn bolli li jintuzaw ghall-pustagg u bolli li jinxtraw ghall-filatelija. Fil-fatt fic-citazzjoni taghha is-socjeta rikorrenti qed titlob li s-socjeta intimata tonora l-obbligi imposti fuqha minn din l-istess ordni.

**Eccezzjonijiet**

Illi s-socjeta intimata qed issostni li bolli ghal pustagg jistghu jinxtraw biss minghandha jew minghand l-agenti licenzjati taghha f'Malta. Ghar-rigward ta bolli ghal filatelija tghid li hemm sistema differenti. Huma jipprovdu bolli kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment ghal filatelija. Il-bolli li huma jbieghu barra huma biss ghal skop ta' filatelija u mhux ghal pustagg ghax dawk jinxtraw biss minn Malta u jintuzaw f'Malta biss u mhux barra. Huma ghandhom business agreements mal-filatelisti ta' barra (ara per ezempju d-dok. ma' Georg Roll) li bih ibieghluhom bolli ghal filatelija u jorbtuhom li ma jbieghuhomx ghall-uzu ta' pustagg. Is-socjeta intimata tghid li f'dana l-kaz Said International ipproduciet invoices ta' Georg Roll li huwa filatelista li ma setghax biegh bolli hlief ghal filatelija. Ghalhekk is-socjeta intimata ma setghetx tibdel il-bolli li applikat ghalihom Said International billi dawn kienu ghal filatelija biss. Il-bolli ghal filatelija jinbieghu bi prezz orhos minn dawk ghal pustagg u jekk l-filatelist jbieghom huma ikunu qed jitilfu l-flus.

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

Il-Kapitolu 254, l-Att dwar is-Servizzi Postali, jiddefinixxi `bolla` bhala li tfisser kull bolla biex turi l-pustagg jew drittijiet jew somom oħra li jithallsu dwar oggetti postali, u tinkludi bolli adezivi u bolli stampati, rizaltati, impressi jew indikati xort'oħra fuq xi envelope, card, kopertina, kartolina jew oggett iehor, sew jekk dik il-bolla tkun mahruġa skont dan l-Att jew mill-Gvern ta' pajjiz iehor jew minn Amministrazzjoni Postali rikonoxxuta mill-Ministru.

Ghalkemm l-Att imsemmi ma jaghtix definizzjoni ta` x'jikkostitwixxi filatelija bhalma jaghmel fil-kaz tal-kelma `bolla`, izda hu maghruf li filatelija hi (i) the collecting of stamps and other postal matter as a hobby or an investment, (ii) the study of postage stamps, revenue stamps, stamped envelopes, postmarks, postal cards, covers,and similar material relating to postal or fiscal history. (Dictionary.com)

Ma jirrizultax mill-Att li meta wiehed jixtri bolli hemm xi kundizzjoni marbuta mal-akkwist taghhom u ghal liema skop il-bolli jkunu se jinxtraw. Lanqas ma hemm restrizzjoni dwar il-kwantita li tinxtara.

L-Att dwar is-Servizzi Postali ma jaghmel ebda distinzjoni bejn bolla stampata jew mibjugha bil-kundizzjoni li tigi uzata ghal fini ta` filatelija u bolla ghal pustagg. Lanqas ma hemm ebda restrizzjoni jekk minn jixtri l-bolli juzahomx ghal skop ta` pustagg jew ghal filatelija.

L-iskop principali ta` bolla huwa ghal pustagg. Izda bolla tista` tintuza wkoll ghal skop ta` filatelija, u bolla tista tuzaha kif trid ladarba tkun hallast il-pre-paid value taghha.

F'dan il-kaz mhux kontestat li l-bolli li riedet tibdel is-socjeta rikorrenti kienu godda u in mint condition u ghalhekk la ma kienux uzati setghu jintuzaw anke ghal pustagg. Jekk bolli ikunu nxtraw ghal kollezzjoni, ma hemm xejn xi jzomm persuna milli tibdel fehemtha u minflok tuzahom ghal pustagg sakemm ma jigux immarkati jew stampati fuq envelopes ghall-kollezzjoni.

Wahda mill-oggezzjonijiet tas-socjeta intimata kienet fir-rigward tal-kwantita ta' bolli tal- 51 cents li nxtraw (ara xhieda ta' Joseph Camilleri) ghax is-socjeta intimata sostniet li kienet lesta li tibdel l-kumplament tal-bolli li ma kienux ta' 51c. Jirrizulta mill-provi prodotti li dawn it-tip ta' bolli kienu gew effettivament uzati mis-socjeta rikorrenti ghall-skopijiet ta' pustagg u ma gewx rifjutati mis-socjeta` intimata li onorat il-pre-paid postage value taghhom billi esegwit is-servizz ta' pustagg. (ara numru ta' envelopes Dok. RS3 sa RS6). Kienu twahhlu fuqhom bolli ta' 51c li gew accettati mill-intimata bhala tajbin ghal pustagg izda ssa hija qed tirrifjuta li tibdilhom kif mitluba. Jidher ukoll li s-socjeta intimata kienet disposta li tibdel dawn il-bolli partikolari kieku l-ammont ma kienx daqshekk kbir, izda l-punt mhux dana imma jekk skont l-avviz kellhomx jinbidlu jew le, irrispettivament mill-kwantita.

Fil-kaz in ezami s-socjeta rikorrenti tghid li l-iskop li ghalih kienu xtraw  dawn il-bolli kien ghal pustagg u mhux bhala kollezzjoni u ssostni li  l-ammont ta‘ bolli li xtrat huwa indikattiv li dawn kienu se jintuzaw ghal finijiet ta‘ pustagg u mhux filatelija.

Il-kontestazzjoni principali tas-socjeta intimata pero hija li s-socjeta' rikorrenti kellha tipprova li l-bolli li riedet tibdel u li hija xtrat minn barra minn Malta ma kienux gew stampati u sussegwentement mibjugha specifikatament biex jkunu uzati biss ghal finijiet ta' filatelija. Is-socjeta intimata kienet talbet evidenza minghand is-socjeta rikorrenti dwar mnejn kienet xtrat il-bolli in kwistjoni u meta saret taf li dawn inxtraw minn barra minghand Georg Roll rrifjutat li tibdilhom.

Il-Qorti tirrileva li dan ir-rekwizit ma kienx wiehed mill-kondizzjonijiet li  jimponi l-Avviz 1000 u lanqas kondizzjoni li l-intimata kienet stipulat fin-naha ta‘ wara tal-applikazzjoni (Dok. RS2) u dana billi bolla dejjem tirraprezenta l-valur tal-ammont muri fuq l-istess bolla.

Illi jirrizulta li l-bolli li xtrat is-socjeta rikorrenti ma kien fihom ebda indikazzjoni li dawk il-bolli gew stampati jew inbieghu bil-kundizzjoni li jigu uzati biss ghal fini ta‘ filatelija. Ghalhekk ma kien hemm xejn x’izomm lis-socjeta rikorrenti milli tuza jew tbiegh f`Malta dawk il-bolli li hija xtrat minghand Roll  ghal pustagg.

Is-socjeta intimata ssostni li jekk il-bolli ma jinxtrawx minghand il-Maltapost jew minghand agent awtorizzat tal-MaltaPost, dawn ma jigux accettati minnha.

Jirrizulta li Maltapost, barra biegh ta` bolli ghall-pustagg tbiegh bolli lill-filatelesti anke barra minn Malta. Dawn is-sheets bolli li hija tbiegh,  generalment ikunu in mint condition, u ma jkollhom xejn fuqhom li jindika  li mhumiex bolli ghal uzu tal-pustagg

Ma  hemm xejn fil-ligi li tipprojibixxi persuni milli jixtru bolli  minn barra minn Malta, anke minghand filatelisti. Il--bolli li jinxtraw hekk,  jistghu jintuzaw kemm ghal kollezzjoni kif ukoll

ghal pustagg billi minn jixtrihom ma jsibx xejn fuqhom li jiddistingwihom minn dawk il-bolli li normalment jintuzaw ghal pustagg hawn Malta. Ma hemm ebda presunzjoni li bolla li ma tkunx akkwistata mill-Maltapost allura hija bil-fors ghal uzu ta` filatelija

Mill-provi jirrizluta li ma kien hemm xejn x`jiddistingwi l-bolla, li per ezempju, giet uzata fuq l-envelope a fol. 30 tal-process li Said International xtraw minn barra minn Malta. minn bolla ohra li, skont l-intimati, kienet inbieghet biss ghal skop ta' filatelija. Gew prodotti provi lir-rikorrenti ma kinux l-unici persuni li xtraw dawn it-tip ta' bolli imma hemm diversi persuni li xtraw bolli ta` Malta minn barra, liema bolli huma imbaghad uzawhom ghal skop ta' pustagg.

Is-socjeta intimata ssemmi li hija kellha ftehim ma' diversi agenti taghha, fosthom George Roll u Bundesdrukerei, , li ma setghux ibieghu bolli ghal skop ta' pustagg imma biss ghal skop ta' filatelija. Ghalhekk skont is-socjeta intimata dana l-ftehim kien jippreckludi lil Roll milli jbiegh lis-socjeta rikorrent bolli ghal-skopijiet ta' pustagg.

Fil-fehma tal-Qorti jekk tali ftehim kien jezisti, dan ma kienx jorbot lis-socjeta rikorrenti billi dak miftiehem bejn is-socjeta intimata u l-agent taghha kien res inter alios acta fil-konfront tas-socjeta rikorrenti billi din ma kinitx partecipi f'dak il-ftehim. Is-socjeta rikorrenti lanqas ma tidhol fil-kwistjoni ta`commissions li setgha kienu dovuti mill-agenti lis-socjeta intimata f`kaz ta` ksur ta` dak il-ftehim.

Illi jirrizulta li l-bolli li xtrat is-socjeta rikorrenti kienu in mint condition u fuqhom ma kien fihom ebda indikazzjoni ta` xi kondizzjoni jew restrizzjoni dwar l-uzu taghhom. Ghalhekk ma kien hemm xejn x'izomm lis-socjeta` rikorrenti milli tuza dawn il-bolli ghal skop ta' pustagg, u fil-fatt hekk ghamlet u, kif diga rajna, meta intuzaw ghall-pustagg, is-socjeta intimata onorat is-servizz li sar b`dawk il-bolli. Ma kien hemm xejn fuq il-bolli li jindika li dawk il-bolli kienu ghal filatelija biss. Kif gja gie rilevat, bolli akkwistati ghal skopijiet ta' filatelija jistghu dejjem u fi kwalunkwe kaz jintuzaw ghal servizz postali Malta sakemm ma jkunx gew stampati jew mod iehor uzati.

Is-socjeta intimata fil-kors tal-proceduri u fin-nota responsiva taghha, terga` ssemmi li hemm distinzjoni bejn l-akkwist ta`bolli ghal skop ta`pustagg u bolli akkwistati ghal skop ta`filatelija wkoll billi fuq il-bolli ghal filatelija jithallas il-VAT. Dwar dan il-Qorti tirrileva li f'dan il-kaz il-ligi tal-VAT ma kinitx ghadha tapplika fiz-zmien meta nxtraw il-bolli in kwistjoni. Il-ligi kif kienet dak iz-zmien ma kinitx taghmel din id- distinzzjoni u bolli bhal dawk mertu tal-kawza ma kinux suggetti ghal VAT.

Illi la l-Kap. 254 u lanqas il-Legal notice ma jiddistingwu minn fejn ikunu inxtraw il-bolli cioe jekk hux minn Malta jew minn barra minn Malta u lanqas ma jiddistingwu bejn bolla mixtrija barra minn Malta biss ghal skop ta` pustagg u bolla mixtrija ghal skop ta` filatelija. Li bolli mixtrija minn barra minn Malta ma setghux jintuzaw ghall-pustagg f`Malta ma tohrogx la mill-Avviz u lanqas minn xi ligi ohra. L-avviz 1000 ma jghidx li l-bolli ma jinbidlux jekk ikunu nxtraw minghand agent barra minn Malta imma jekk il-bolli ikunu wzati ghal fini ta` filatelija... Peress illi ma jirrizlutax li l-bolli li kienet xtrat is-socjeta rikorrenti kienu stampati jew gew mibjugha bil-kundizzjoni li jkunu uzati ghal fini tal-filatelija, japplika ghalhekk l-artikolu 36(2) tal-Kap. 254. u s-socjeta intimata kellha tibdilhom kif talbet is-socjeta rikorrenti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata fil-mertu;

(i) Tiddikjara li s-socjeta intimata naqset li tonora l-obbligi taghha skond l- Avviz Nru 1000 tas-16 ta' Novembru 2007;

(ii) Tikkundanna lis-socjeta intimata, biex fi zmien erghbin (40) jum mid-data tas-sentenza, tbiddel il-bolli msemmija fl-applikazzjoni li saret mis-socjeta esponenti fit-28 ta' Marzu 2008 ma' bolli ohra validi, ossia f'denominazzjoni tal-ewro, tal-valur komplessiv ta' tletin elf mitejn u dsatax-il ewro u dsatax-il centezmu (€30,219.19);

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet l-ohra billi l-imsemmi Avviz ma jippermettix it-tibdil ta' bolli skaduti ma' flus kontanti.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------